# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.7: It-tifel li reġa' lura għand missieru**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jirrevedu l-fatt tal-imħabba li Ġesù għandu għalina.

b) Jisimgħu l-istorja tal-Iben il-Ħali.

c) Jifhmu s-sens tas-*Sorry* tat-tifel li reġa' lura għand missieru.

d) Jirrealizzaw kemm il-Missier ħabb lit-tifel meta ħafirlu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Diska: *Ejja nagħmlu festa* mir-riżorsi
- Klipp jisimha: *The Prodigal Son*
- Xi riżorsi għar-*role play* tal-iben il-Ħali.
- Attivita' Addizzjonali: Puzzle tal-istampa tal-Iben il-Ħali.
- Karti bojod biex iwaħħlu l-*puzzle.*
- Karta ta' Taħriġ: 2.5.

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda billi tistaqsi lit-tfal: Aħna meta nagħmlu xi festa?
- Ħalli t-tfal isemmghu li jiftakru.
- Spjega kif aħna nagħmlu festa biex nifirħu ma' xi ħadd u għal xi ħadd f'okkazzjonijiet varji.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Spjega kif illum ser taraw festa li saret meta xi ħadd li kien telaq mid-dar ta' missieru, iddeċieda li jerġa' lura lejn id-dar.
- Agħti fi kliemek l-istorja fil-qosor u ħalli t-tfal jaraw il-klipp.
- Spjega kif it-tifel wara li ħaseb, iddispjaċieh, mar lura u skuża ruħu ma' missieru.
- Enfasizza l-punt li aħna rridu nuru dispjaċir u rridu niskużaw ruħna meta nagħmlu l-ħażin.
- Iggwida lit-tfal biex fi gruppi jagħmlu Role Play tal-parti tal-istorja ta' meta t-tifel irritorna lura għand missieru.
- Stieden lit-tfal iħarsu lejn il-Karta ta' taħriġ 2.5 u bħala klassi ddiskuti l-istampi biex kulħadd jiġi mgħejjun isib l-istampa t-tajba u jpingieha.

- **Attività Addizzjonali** jekk tixtieq l-għalliema tati lit-tfal il-biċċiet diġa maqtugħin tal-istampa tal-Iben il-Ħali (ara riżorsa addizjonali) u huma ser ipoġġuhom fl-ordni t-tajba, iwaħħluhom fuq karta bajda u jpenġuha.
- Spiċċa l-lezzjoni billi ssemma l-kanzunetta 'Ejja nagħmlu festa'.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Il-missier kellu żewġt itfal.
2. It-tifel iż-żgħir tbiegħed minn missieru.
3. Il-missier baqa' jistennieh.
4. It-tifel iddispjaċieh u reġa' lura d-dar ta' missieru.
5. Il-missier tant ħa pjaċir bih li għamilu festa.
6. Niskużaw ruħna meta nagħmlu l-ħażin.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- **Ngħidu** ***sorry*** u naċċettaw is-sorry ta' lil ħaddieħor meta jiskuża ruħu magħna. Ejja nibdew mil-lum!

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Diska: *Ejja nagħmlu festa*
- Klipp jisimha: *The Prodigal Son*



**Nitolbu**

Aħfrilna, Mulej, meta ma nagħmlux dak li tixtieq inti u nweġġgħu lill-oħrajn.

